# *Messaġġ mill-Għalliem Sezzjoni Njam*



Is-Sur Philip Schembri



# Il-Banda fil-jiem tal-Festa

Fl-ewwel ġimgħa ta' Settembru, tiġi ċċelebrata l-festa ta' Marija Bambina. Din hija ġimgħa ta' impenn kbir għal raħalna u għas-soċjetà tagħna.

Matul dawn il-ġranet ta' festa, ir-rutina tagħna ta' kuljum tinbidel f'attivitajiet aktar ferrieħa. Kulħadd iżejjen id-djar u l-faċċati, filwaqt li t-toroq tagħna jiġu mlibbsib il-libsa tal-festa.

F'dawn iż-żminijiet l-Għaqda tagħna tkun qed taħdem bis-sħiħ sabiex tipprepara ruħha għall-festa. Bħalma jaf kulħadd, il-qalba ta' l-attivitajiet ta' din l-Għaqda Mużikali jikkonċernaw prinċipalment fis-sehem tal-banda fl-attivitajiet esterni tal-festa. M'għandniex xi ngħidu, hija proprju l-banda li toħloq l-atmosfera ta' ferħ, briju u għaqda fit-toroq tagħna permezz tal-programmi mużikali u l-marċi brijużi li jiġu organizzati. Għalhekk, bħalma għamilna fl-imgħoddi, se noħorġu sett ta' marċi ġodda sabiex inkomplu nilħqu l-għan tagħna li l-festa tkun suċċess.

Jiena, bħala għalliem, nerġa' ntenni l-messaġġ tiegħi lill-allievi sabiex l-attendenza għal-lezzjonijiet tittieħed aktar bis-serjetà u biex il-ġenituri jinsistu fuq uliedhom biex jistudjaw aktar, ħalli l-għan li għandha l-Għaqda tagħna jintlaħaq, b'hekk ikollna aktar bandisti tal-post ta' kwalità.

Nirringrazzja lill-kumitat u lis-Surmast Tonio Borg għar-rispett li dejjem juru lejja. Fl-aħħarnett nistieden lil kulħadd biex niltaqgħu lkoll flimkien u niċċelebraw il-festa tal-patruna tagħna Marija Bambina b'mod ferrieħi, brijuż, nadif u fuq kollox b'għaqda bejnietna.


**CARMEL VELLA & SONS LTD.**

**GENERAL WHOLESALERS**

*CONFECTIONERY LINES, CIGARETTES, CIGARS & TOBACCO*

**"Arcadia", George Borg Olivier Str., Mellieħa**

**Tel: 21 520883, 9949 6643, 9949 8855**

**cvelsons@maltanet.net**




**Boutique**

**Fashion Wear for the Entire Family**

14, Main Street, Mellieħa • Tel: 21 520 686